**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 017/2020**

28 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### Qari ta' ittri ta' apologija

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier James Cauchi kien talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Melanie Agius kienet talbetlill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agisu kellha jigi meqjus bhala gustifikat.

### 17.1 Progett Pjazza Santa Margerita

17.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif stabbilit fis-seduta precedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali kienu hadmu bil-ghan illi tigi mhejjija applikazzjoni b'konnessjoni ma' skema SPI/SCI5/2020 ( Finanzjament ta' progetti kapitali – Accessibilita' u mobilita') liema applikazzjoni giet iccirkolata lill-Kunsilliera permezz ta' e-mail qabel is-seduta ghall-evalwazzjoni

17.1.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha gew diskussi dettalj teknici tax-xogholijiet li kienu qieghdin jigu proposti ewlenin fosthom il-possibilita' illi max-xoghol li kien hejja l-perit jizdiedu balavostri li kien hemm u li kienu perikoluzi. Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi filwaqt li kien hemm il-htiega illi l-istess balavostri jinbidlu, kemm il-darba tkompli tizdied l-ispiza, kienet ser tirrizulta f'piz finanzjarju li l-Kunsill Lokali ma kienx ser ikun jista' jidhol ghalih ( il-parti tal-kofinanzjament). Ghaldaqstant kellhom jinkisbu sorsi ohra ta' finanzjament ghat-tkomplija tal-progett.

17.1.3 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi l-applikazzjoni kellha tigi sottomess skont id-dokument propost.

**Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta giet fi tmiemha fl-4:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum 12 ta' Novembru 2020.

IFFIRMATA
___________________
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv